- *Lis alibi pendens bejn Qorti ta' pajjiż membru tal-Komunita` Ewropeja u Qorti Maltija*
- *Xebħ u differenzi bejn il-kunċett ta' lis alibi pendens fir-Regolament ta' Brussel I bis u l-Kodiċi ritwali Malti*

# QORTI ĊIVILI

## PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## GRAZIO MERCIECA LL.D.

**SEDUTA TAT-3 TA' DIĊEMBRU, 2019.**

**Rik. Ġur. 811/2018 GM**

**Classic Group Limited (C13841)**

**vs**

**Bianchi di Bianchi Romano & C. SAS, soċjeta` estera inkorporata taħt il-Liġijiet tal-Italja b'indirizz ta' Via dell'Industria, 106 – 61025 Montelabbate (PU) Pesaro, fl-Italja.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi abbażi tal-premessi:

1. Illi hija kumpannija b'esperjenza twila u rinomata sew fis-suq lokali tal-ġojjellerija ta' lussu u topera numru ta' ħwienet ta' kwalita` f'diversi lokalitajiet f'Malta;

2. Illi fil-prezent l-attriċi tinsab fil-proċess li tiftaħ ħanut ieħor ta' lussu ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta u għal dan il-għan qiegħdha tagħmel xogħolijiet fl-istess ħanut sabiex jitlesta u jibda jopera mill-aktar fis;

3. Illi fil-ħwienet tagħha, inkluz f'dak in kwistjoni, l-attriċi tbiegħ prodotti ta' ditti (*brands*) ta' kwalita`, liema ditti jkunu jirrikjedu inkondizzjonalment li l-ħwienet li minnhom l-attriċi tiddistribwixxi l-prodotti tagħhom ikunu ta' livell u kwalita` ferm għolja u jkunu attrezzati b'materjali tal-ifjen kwalita` . Apparti dan, tali ditti jimponu zminijiet ċari li fihom il-ħwienet ikunu jridu jinfetħu u jibdew joperaw, b'obbligi oneruzi fuq l-attriċi;

4. Illi fix-xahar ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-attriċi ingaġġat lill-konvenuta sabiex tforniha b'irħam biex jintuza' u jitwaħħal fil-ħanut in kwestjoni skond disinni speċifiċi in kwantu kemm għall-kwalita` , il-kwantita' u kif ukoll l-għazla ta' kuluri tal-irħam;

5. Illi fuq il-bazi ta' dawn id-disinni, l-attriċi ordnat mingħand il-konvenuta tlett tipi ta' rħam differenti, b'kuluri u qisien speċifiċi u f'ammonti

determinati [ara kopja tal-fattura relattiva annessa bħala 'Dok. A'], liema rħam kellu jiġi konsenjat lill-attriċi f'konsenja waħda fi zmien miftiehem ta' bejn tlieta (3) u erba' (4) gimgħat [ara kopja ta' kommunikazzjoni annessa bħala 'Dok. B'];

6. Illi l-konvenuta naqset mill-obbligi tagħha billi fost l-oħrajn ikkonsenjat kwantita' ta' rħam inqas minn dak ordnat, ikkonsenjat irħam li kien ta' qies differenti u ta' kulur differenti minn dak ordnat, u ikkonsenjat il-materjal f'iktar minn konsenja waħda u tardivament, u dan kollu kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawza;

7. Illi senjatament in-nuqqasijiet tal-konvenuta huma s-segwenti –

   (i) L-attriċi ordnat 205 metri kwadri ta' rħam tat-tip Botticino tal-qies 60x60x2, iżda ġew ikkonsenjati 198 metru kwadru, b'ħafna minnu mkisser;
   (ii) L-attriċi ordnat irħam ieħor tat-tip Sipollino Green ukoll tal-qies 60x60x2, iżda ġie kkonsenjat irħam b'kulur aħdar differenti u kif ukoll ta' qies differenti 30x30x1, bil-konsegwenza li d-disinn tax-xogħol ġie affettwat u ma baqax kif pjanat;
   (iii) L-irħam li ġie kkonsenjat, wasal fi tlett konsenji minflok f'konsenja waħda kif miftiehem minħabba li mhux l-irħam kollu kien lest fl-istess ħin u mhux kollu kien jinsab fil-lok miftiehem fl-istess ħin sabiex jiġi kkonsenjat f'daqqa lill-attriċi, bil-konsegwenza zdiedu l-ispejjiż tal-konsenji;
   (iv) L-attriċi ordnat ukoll irħam ieħor tat-tip Rosa Perlato, liema baqa' qatt ma ġie kkonsenjat;

8. Illi sabiex tirrimedja għal din is-sitwazzjoni, u tenut kont li hija kellha tiftaħ il-ħanut b'mod imminenti, l-attriċi inkorriet spejjiż ulterjuri konsistenti fost l-oħrajn minn spejjiż ogħla għall-konsenji, spejjiż ta' ħaddiema li kellhom jagħmlu xogħol izjed minn dak ippjanat inizzjalment skont il-pjanti u spejjiż oħra konnessi ma' kambjamenti fil-pjan tax-xogħol li ġie rez neċessarju in vista tan-nuqqasijiet fil-kwalita` u kwantita' tal-irħam konsenjat mill-konvenuta. Inoltri, b'konsegwenza tal-aġir u nuqqasijiet tal-konvenuta, l-attriċi sofriet danni oħrajn konsistenti fost l-oħrajn minn telf ta' negozju minħabba li l-ħanut spiċċa ġie inawgurat wara z-zmien prefiss, effett fuq l-istokk li kien intiz għad-distribuzzjoni mill-ħanut minħabba li in vista tad-dewmien dan kellu jinzamm ġo maħzen minflok ma ġie espost fil-ħanut, effetti oħrajn in konnessjoni mal-obbligi li l-attriċi kellha fil-konfront ta' terzi liema obbligazzjonijiet kienu jiddependu fuq il-ftuħ tal-ħanut, u danni oħrajn li ser jiġu ppruvati waqt is-smiegħ tal-kawza;

9. Illi għalhekk l-attriċi qiegħdha titlob minn għand il-konvenuta li ssir rifuzjoni tal-ammonti ġja' mħallsa mill-attriċi, inkluz rifuzjoni tad-depoziti mħallsa għal materjal li ma ġiex ikkonsenjat, *oltre* għal ħlas tad-danni li hija sofriet u spejjiż li hija nkorriet b'konsegwenza tal-aġir tal-konvenuta;

10. Illi dan jammonta għas-somma ta' sitta u għoxrin elf ħames mija u disa' ewro u sitta u sittin ċentezmu (€26,509.66) konsistenti mis-segwenti –

(i) In kwantu għal €15,375.50 depozitu mħallas mill-attriċi lill-konvenuta fit-23 ta' Mejju 2018 [ara kopja tat-trasferiment bankarju annessa bħala 'Dok. C'];

(ii) In kwantu għal €6226 pagament ieħor mħallas mill-attriċi lill-konvenuta fit-28 ta' Ġunju 2018 [ara kopja tat-trasferiment bankarju annessa bħala 'Dok. D'];

(iii) In kwantu għal €4908.16 spejjiż tas-servizzi ta' konsenja tal-materjal konsistenti minn tlett konsenji [ara kopja tat-tlett fatturi relattivi annessa bhala 'Dok. E1' sa 'Dok. E3' rispettivament;

11. Illi minkejja li l-attriċi interpellat lill-konvenuta għall-hlas, addirittura b'offerta magħmulha mingħajr preġudizzju *bona gratia* tal-attriċi sabiex tittenta tagħlaq din il-vertenza mingħajr ma tirrikorri għal proċeduri ġudizzjarji [kopja ta' ittra nterpellatorja datata 13 ta' Lulju 2018 annessa bħala 'Dok. F'], il-konvenuta baqgħet inadempjenti;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta naqset mill-obbligi tagħha fil-konfront tas-soċjeta` attriċi billi kkonsenjat materjal mhux kif miftiehem, in kwantu kemm għal kwalita`, kwantita` u modalita` u termini ta' konsenja, u billi in kwantu għal parti mill-materjal naqset milli tikkonsenja l-istess; u

2. Tiddikjara illi bħala konsegwenza ta' tali ksur, is-soċjeta` attriċi sofriet danni;

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;

4. Konsegwentement, tordna lis-soċjeta` konvenuta tirrifondi l-ammont ta' sitta u għoxrin elf ħames mija u disa' ewro u sitta u sittin ċentezmu (€26,509.66), oltre' għal imgħaxijiet skond il-liġi, rapprezentanti ammonti mħallsa mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta għal prezz ta' materjal li ma ġiex ikkonsenjat kif miftiehem u/jew ma ġiex ikkonsenjat u spejjiż tal-konsenji, u/jew tordna lill-konvenuta tirrifondi jew tħallas kwalunkwe ammont ieħor verjuri li din il-Qorti jogħġobha tistabbilixxi;

5. Tagħti kull rimedju u/jew dirrettiva oħra opportuni.

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Lulju 2019 il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imressqin mis-soċjeta` konvenuta li jaqraw hekk:

1. Illi dina l-Qorti għandha tiddeklina milli tisma' dawn il-proċeduri u dan billi l-istess mertu tal-proċeduri odjerna diġa' jinsabu pendenti quddiem il-Qorti ta' Pesaro fl-Italja fl-ismijiet inversi iżda eżattament bejn l-istess partijiet, fuq l-istess mertu u saħansitra bl-istess talbiet u ċioe' b'tali mod li jissusistu l-elementi kollha ta' *lis alibi pendens*;

2. Illi s-soċjeta' attriċi diġa' ssottomettiet lilha nnifisha għal proċeduri bl-istess mertu, bejn l-istess partijiet u bl-istess talbiet quddiem il-Qorti ta' Pesaro, fl-Italja u l-proċeduri odjerni huma abbuż tal-proċeduri bil-għan ewlieni li tfixkel il-proċeduri ġia mibdija u li diġa qedgħin jiġu mismugħa mil-Qorti estera hekk kif jidher miċ-ċertifikat maħruġ mill-istess Qorti u mmarkat bħala Dokument BB1;

Rat l-atti tal-kawża partikolarment id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għallum għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi ż-żewġ eċċezzjonijiet li l-Qorti trid tistatuwixxi dwarhom huma proprjament eċċezzjoni waħda – dik tal-*lis alibi pendens.* Din hija waħda mill-eċċezzjonijiet li huma speċifikament rikonoxxuti u rregolati mill-kodiċi ritwali tagħna (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) permezz tal-Artiklu 792 tiegħu li jaqra hekk:

**"Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra."**

Illi f'dan il-każ, l-ewwel kawża tinstab quddiem Qorti fl-Italja; din il-kawża ġiet istitwita f'data iktar tard;

Illi l-partijiet jaqblu li *trattandosi* ta' kawża pendenti f'pajjiż ieħor tal-Komunita` Ewropeja, japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament 1215/2012:

*"TAQSIMA 9*

*"Lis pendens — azzjonijiet relatati*

*"Artikolu 29*

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31(2), meta proċedimenti li jinvolvu **l-istess kawża ta' azzjoni** u **bejn l-istess partijiet** ikunu miġjuba quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, kull qorti apparti l-ewwel qorti li jkollha quddiemha l-każ għandha fuq inizjattiva tagħha stess tissospendi l-proċedimenti ta' quddiemha sa dak iż-żmien li fih tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata.

"2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu1, fuq talba ta'qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, kwalunkwe qorti invokata għandha mingħajr dewmien tinforma lill-

ewwel qorti bid-data meta tressqu l-proċedimenti quddiemha skont l-Artikolu 32.

"3. Meta tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata, kull qorti oħra apparti l-ewwel qorti invokata għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti;"

Illi dawn id-disposizzjonijiet tar-Regolament f'ċerti aspetti jixbħu l-liġi ta' Malta u f'ċerti aspetti oħrajn huma kemmxejn differenti:

(i) Skont ir-Regolament, ikun hemm *lis pendens* meta jkun hemm l-istess *kawża ta' azzjoni* bejn l-istess partijiet. Skont il-liġi tagħna, irid ikun kawża oħra *fuq l-istess oġġett.* Il-frażi *kawża ta' azzjoni* fit-test Malti tar-Regolament ma tagħmel l-ebda sens. It-test Ingliż jaqra: *cause of action.* Fit-test Taljan insibuha: *domande aventi il medesimo oggetto e il medesimo titolo.* Fit-test Franċiż: *demandes ayant le même objet et la même cause*. Forsi kien ikun aħjar li l-frażi tiġi tradotta bħala *fuq l-istess raġuni u oġġett tat-talba.* Huwa għajb għall-ordinament ġuridiku Malti li jsiru traduzzjonijiet ta' kafkaf bħal din. Il-*cause of action* tikkonsisti, l-istess bħal fil-liġi Maltija, fil-fatti "and the rule of law relied on as the basis of the action"[1]. In this respect account should be taken only of the claims of the respective applicants, to the exclusion of the defence submissions raised by a defendant."[2]

(ii) Skont ir-Regolament, it-tieni Qorti trid tissospendi l-proċediment sakemm tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel Qorti. Ġaladarba din tiġi stabbilita, it-tieni Qorti tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur l-ewwel Qorti. Skont il-liġi tagħna, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra;

[1] Case 144/86 Gubish Maschinenfabrik KG v Giulio Palumbo (1987) ECR 4861
[2] Case C-111/01 Gantner Electronic GmbH v Basch Exploitatie Maatschappij BV (2003) ECR I-4207, para 31 iċċitata f'European Private International Law, Geert van Calster, 2nd ed., first published 2016, reprinted 2019, paġna 177

Illi fiż-żewġ kawżi, il-partijiet huma l-istess iżda l-attriċi fl-ewwel kawża hija konvenuta f'din – it-tieni – kawża u viċi versa. Skont "*The Tatry* was recently applied in Aertssen[3]. The CJEU held among others that the question whether the parties are the same cannot depend on the position of one or other of the parties in the two proceedings"[4];

Illi dwar l-oġġett tal-azzjoni, għall-finijiet tal-Art. 29 dan jingħata interpretazzjoni wiesa[5]. Ifisser "the end the action has in view (*The Tatry*[6]). This cannot be restricted as to mean two claims which are entirely identical[7]. Rather, they will more often than not be the flip sides of the same coin: an action seeking declaration that a contract is invalid; and a competing action seeking enforcement of that very same contract; or an action seeking liability of a party; and a competing action seeking a declaration that a party is not liable. Basically, and with a view to the enforcement issue, if the orders sought could contradict each other were they both granted, their object will be the same"[8];

Illi bħala Regolament, japplika direttament bħala parti mil-liġi ta' Malta, u, fejn huwa applikabbli jissupera l-kodiċi ritwali Malti. Għalhekk l-elementi tal-*lis alibi pendens*, l-interpretazzjoni tagħhom, u l-effetti tal-*lis alibi pendens* huma lkoll regolati mir-Regolament. Dan fl-interess tal-uniformita` sabiex tiġi assikurata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropeja;

---

[3] Case C-523/14 Aannemingbedriff Aertssen Terrassements v VSB Machineverhuur BV et al, ECLI:EU:C:2015:722
[4] European Private International Law, Geert van Calster, 2nd ed., first published 2016, reprinted 2019, paġna 176
[5] Civil Jurisdiction and Judgements in Europe – Trevor Hartley, Oxford, first published 2017
[6] Case C-406/92 The owners of the cargo lately laden on board the ship 'Tatry' v the owners of the ship 'Maciej Rataj' (1994) ECR I-5439, para 40
[7] Case 144/86 Gubish Maschinenfabrik KG v Giulio Palumbo (1987) ECR 4861
[8] European Private International Law, Geert van Calster, 2nd ed., first published 2016, reprinted 2019, paġna 177

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tiċċita u tikkompara fid-dettal il-premessi u t-talbiet tal-atturi rispettivi f'din il-kawża u f'dik tal-Qorti ta' Pesaro u turi li t-talbiet huma prattikament identiċi. Dan anke għaliex hija, bħala attriċi fl-ewwel kawża, mhux biss talbet il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-irħam mibjugħ u kkunsinnat minnha lil Classic Group Limited (attur fit-tieni kawża) imma wkoll talbet dikjarazzjoni li ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-konsenja, il-kwantita`, kwalita` u kundizzjoni tal-irħam mibjugħ, u li ma ġew ikkawżati l-ebda danni minn Bianchi di Bianchi Romano & C. SAS fir-rigward tal-fornitura ta' rħam indikat fil-proforma invoice datata 16 ta' Mejju 2018. Fit-tieni kawża (ċjoe` din il-kawża) t-talba hi għal dikjarazzjoni li ġie kkonsenjat materjal mhux kif miftiehem, kwantu għall-kwalita`, kwantita`u modalita` u termini ta' konsenja u billi in kwantu għal parti mill-materjal kien hemm nuqqas ta' konsenja tiegħu. M'hemmx dubbju li, fit-termini wiesa tar-Regolament kif interpretat, il-kawżali hija wkoll l-istess: il-kunsinna jew kunsinni ta' rħam u l-ħlas tiegħu;

Illi l-attriċi f'din il-kawża – Classic Group Limited – fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha sostniet li l-ewwel kawża hija ristretta għal tip wieħed ta' rħam filwaqt li t-tieni kawża tkopri tlett tipi. Dan iżda ma jirriżultax li huwa l-każ; anke fl-ewwel kawża ssir riferenza, fil-premessi għal tlett tipi ta' rħam. Tassew li m'hemmx identita` assoluta, imma l-kawżali u l-oġġett taż-żewġ azzjonijiet huma prattikament identiċi;

Illi mhux ikkontestat li l-Classic Group Limited issottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Pesaro;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u konsegwentement tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha favur it-Tribunale Ordinario ta' Pesaro, fl-Italja u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ;

Spejjeż a kariku tas-soċjeta` attriċi.

Moqrija

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA